

**Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni****(Każ COMP/M.6690 – Syniverse/Mach)****(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2012/C 365/09)

1. Fis-16 ta' Novembru 2012, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' proposta ta' konċentrazzjoni skont l-Artikolu 4 u wara referenza skont l-Artikolu 4(5) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 <sup>(1)</sup> li permezz tagħha l-impriża Syniverse Holdings, Inc. ("Syniverse", l-Istati Uniti tal-Amerika) takkwista fit-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-kontroll sħiħ tal-impriża WP Roaming III Sàrl ("Mach", il-Lussemburgu), bl-eċċezzjoni ta' Evenex ApS u s-sussidjarja sħiħa tagħha Evenex AS permezz tax-xiri ta' ishma.
2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:
  - għal Syniverse: servizzi teknoloġiċi lill-kumpaniji tat-telekomunikazzjonijiet, inklużi l-ikklerjar tad-dejta u s-saldu finanzjarju għar-roaming, soluzzjonijiet ta' SMS u ta' portabbiltà tan-numri, soluzzjonijiet tas-sinjalar tan-netwerk, servizzi tan-netwerk tal-Protokoll tal-Internet ("PI"), tħaffif tar-roaming tal-vuċi u tad-dejta. Syniverse hija unikament ikkontrollata minn Carlyle Partners V, L.P., fond ta' investiment immexxi minn The Carlyle Group,
  - għal Mach: servizzi teknoloġiċi lill-kumpaniji tat-telekomunikazzjonijiet, inklużi l-ikklerjar tad-dejta u s-saldu finanzjarju għar-roaming, soluzzjonijiet ta' SMS, ġestjoni tal-frodi u servizzi tal-protezzjoni tad-dħul, soluzzjonijiet ta' informazzjoni dwar in-negozju u ta' kontenut tal-kontijiet.
3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni ssib li l-operazzjoni nnotifikata tista' taqa' fl-ambitu tar-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet. Madanakollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.
4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jibagħtu kwalunkwe kumment li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-feks (+32 22964301), jew b'emejl lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.6690 – Syniverse/Mach, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea  
Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni  
Reġistru tal-Amalgamazzjonijiet  
J-70  
1049 Bruxelles/Brussel  
BELGIQUE/BELGIË

---

(1) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet").